MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Numru 186/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NADIA LANZON**

**VS**

**JOHN CUTAJAR**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Cutajar ta’ 54 sena, bin Joseph u Antonia nee’ Cristiano, imwieled il-Hamrun nhar l-20 ta’ Gunju, 1949, residenti fil-fond numru 12, Marvisell, Triq tal-Barrani, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita’ numru 520249 (M) ;

Akkuzat talli fit-30 ta’ Novembru, 2002 u fi zmien ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, bhala d-detentur tal-fond

*Anfield Confectionery*, Triq tal-Barrani, Zejtun, jew bhala persuna li kelha f'idejha l-istess fond, b'mezzi qarrieqa, ikommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont;

U aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku il jammonta ghall-Lm998.37,1 (disa' mija u tmienja u disghin lira Maltin, u sebgha u tletin centezmu u millezmu).

U aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti jew apparat jew is-sigilli taghhom liema hsara tammonta ghal anqas minn Lm30.00 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu stess wara li nghata zmien skond il-Ligi.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikolu 326(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------